C/2026/5297

12.10.2026

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1720, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/2272, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1716, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/2271, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa

(C/2026/5297)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1720 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/2272 ([2]), u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1716 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/2271 ([4]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, wara li rrieżamina l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi ddeżinjati, iddeċieda li l-persuni, l-entitajiet u l-korpi li jidhru fl-Annessi msemmija hawn fuq għandhom jibqgħu inklużi fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 u fir-Regolament (UE) 2019/1716.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati dwar il-possibbiltà ta' rikors lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/1716, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/2271, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew pagamenti speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati jistgħu jressqu talba lill-Kunsill, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' appoġġ, biex id-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, **qabel il-31 ta' Mejju 2027**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni li tasal għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2026/2272, u l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/1716, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/2271, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa.

L-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati qed tingħibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 262, 15.10.2019, p. 58.
([2]) ĠU L, 2026/2272, 12.10.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/2272/oj.
([3]) ĠU L 262, 15.10.2019, p. 1.
([4]) ĠU L, 2026/2271, 12.10.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2271/oj.